Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 859/2015

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Sea Bank Catering Company Limited ai termini tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip 'Comprehensive' u ai termini tal-Ligi u l-istess Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Sea Bank Catering Company Limited (appellanti)**

**Vs**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar in rapprezentanza tal-istess Kunsill Lokali Naxxar, u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta li giet imsejha fil-kawza b'digriet tad-19 ta' Frar 2016 (appellati)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju, 2016.

L-atturi appellaw minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-21 ta' April 2016 li biha giet milqugha l-eccezzjoni tal-konvenut li t-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni jisma' u jiddeciedi talba ghall-hlas tad-danni li l-atturi allegaw li saru fil-vettura numru GBN 669 meta ghaddiet minn hofra li kien hemm fi Triq ir-Ramla, Naxxar[1].

L-aggravji huma:-

1. Il-provvediment dwar arbitragg mandatorju ma japplikax ghall-kaz in ezami.
2. It-Tribunal kellu japplika l-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellati pprezentaw twegiba fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn is-sentenza tat-Tribunal kellha tigi kkonfermata.

__Konsiderazzjoni__.

1. Dwar l-ewwel aggravju, din il-qorti diga' kellha okkazzjonijiet ohra tiddikjara li taqbel mal-posizzjoni li hadet din il-qorti fis-sentenza **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited** (23 ta' Ottubru, 2009) fejn intqal:

   *"3. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-*

[1] L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut taqra: *"Illi, preliminarjament dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni stante illi n-natura tat-talba taqa' fil-parametri tal-parti A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u allura hija soggetta ghall-proceduri ta' arbitragg mandatorju."*

*subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kazwali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhix wiehed minn dawn.* ***Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal illi dak ikkontemplat mill-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta' vettura u mhux hsara li tista ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha"*** (enfazi mizjuda).

2. Hadd mill-appellati ma ta ragunijiet li jistghu jwasslu lil din il-qorti sabiex tibdel il-fehma. Ladarba dan hu kaz ta' hsara li saret fuq vettura minhabba allegat hofra fit-triq, l-atturi ghamlu sew li harrku lill-appellat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

3. Gialadarba l-ewwel aggravju ntlaqa', m'hemmx skop li jigi trattat u deciz it-tieni aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-21 ta' April 2016 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill Lokali, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tieghu. Tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal biex jissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.